



uħm

**VOICE** OF THE **WORKERS**

# Proposti għall-Budget 2019

# Daħla

F'ekonomija li sejra tajjeb, iċ-ċittadini ta' dan il-pajjiż għandhom jintlaqtu minn *policies* li jtejbu l-kwalita' tal-ħajja tagħhom.

Mhux għaqli li wieħed jiffoka biss fuq il-prestazzjoni ekonomika u l-ġid li qed jikseb dan il-pajjiż, u jwarrab l-iżviluppi mwiegħra li, jekk jitħallew injorati, jista' jkollhom effetti negattivi fuq it-tessut ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna. Il-UĦM *Voice of the Workers* tħoss li l-ġid li qed ikun iġġenerat mhux qed jinfiltra biżżejjed fis-soċjeta'.

Hemm sezzjonijiet mill-popolazzjoni li qed isibuha diffiċli biex ilaħħqu mal-ħajja. Iż-żieda fil-kirjiet u l-għoli tal-ħajja, biex insemmu żewġ eżempji, qed jolqtu l-aktar lil min hu vulnerabbli u dawk bi dħul baxx. Il-pensjonanti huma l-aktar milquta. Jeħtieġ li tinstab sistema adekwata biex il-ġid ekonomiku jitqassam b'mod ġust.

Din il-*union* tinnota aspetti oħrajn li qed jibdlu l-fiżjonomija tal-ekonomija tagħna. Il-popolazzjoni tagħna qed tespandi b'mod mgħaġġel b'riżultat, fost oħrajn, tal-importazzjoni ta' ħaddiema barranin.  Din iż-żieda fil-popolazzjoni wkoll qed taffettwa l-infrastruttura ta' pajjiżna, partikularment it-traffiku u d-distribuzzjoni tal-enerġija.

Il-UĦM *Voice of the Workers* hi konxja ta' dawn is-sitwazzjonijiet u oħrajn. Għaldaqstant qed tipproponi soluzzjonijiet alternattivi fejn il-Gvern qed jonqos mill-aspettattivi leġittimi taċ-ċittadini. Ejja niffokaw fuq il-prijoritajiet sensibbli għal dan il-pajjiż u ċ-ċittadini tiegħu filwaqt  li noqogħdu attenti għall-opportunitajiet u l-isfidi kollha li nistgħu naffaċċjaw.

Josef Vella
Kap Eżekuttiv,
UĦM *Voice of the Workers*

# Reviżjoni tal-politika soċjali

- Il-UĦM *Voice of the Workers* tinnota li minkejja r-rati fit-tkabbir ekonomiku, hemm ħtieġa urġenti li ssir reviżjoni tal-politika soċjali sabiex tipprovdi distribuzzjoni iżjed ġusta tad-dħul finanzjarju. L-inugwaljanzi fid-dħul finanzjarju, fil-fatt, marru għall-agħar sa mill-2010, għalkemm marġinalment.

- L-awtoritajiet kompetenti għandhom jibdew jinvestigaw, b'aktar ħeffa u grinta, dawk li, jew qed jevadu, jew inkella qed jevitaw it-taxxa (jew it-tnejn li huma) u li b'mod evidenti qed jgħixu b'mod stravaganti.

- Il-ħtieġa ta' reviżjoni tal-*policies* dwar is-suq tax-xogħol hi kruċjali sabiex ikunu assigurati r-rilevanza u l-effettivita' tal-bżonnijiet tal-lum u l-iżviluppi ta' għada.





# L-effett tal-ħaddiema barranin fis-suq tax-xogħol

Il-UĦM *Voice of the Workers* tosserva li l-preżenza dejjem tiżdied fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi qed toħloq diskrepanzi fis-suq tax-xogħol u qed iżżomm il-pagi medji 'l isfel minn dawk fl-UE. Għal din ir-raġuni, il-*union* qed issejjaħ lill-Gvern sabiex jiċċara l-pożizzjoni tiegħu dwar x'tip ta' mudell ekonomiku jrid jaddotta għas-sena d-dieħla u għall-futur; u flimkien mal-imsieħba soċjali ssir reviżjoni dwar is-suq tax-xogħol fid-dawl ta' żviluppi li qed iseħħu.

Il-UĦM *Voice of the Workers* qed tinsisti fuq *policies* dwar is-suq tax-xogħol li ma jxekklux ir-rwol tat-*trade unions* fl-influwenzar tal-iffissar tal-pagi u l-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema fis-setturi kollha tal-ekonomija. Il-UĦM ukoll qed tħeġġeġ lill-Gvern sabiex iżid in-nefqa fuq it-taħriġ mill-ġdid lil ħaddiema avvanzati fl-eta' minbarra ħaddiema żgħażagħ f'oqsma fejn hemm in-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol kif ukoll f'oqsma fejn l-iżviluppi teknoloġiċi qed jissawru bħal dawk tad-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali.



# Taxxa

- Għall-Budget 2019, il-UĦM *Voice of the Workers* qed tipproponi li ż-żieda fil-COLA, li tingħata lill-ħaddiema kollha, ma tkunx suġġetta għat-taxxa kif inhu l-każ sal-lum.

- Il-UĦM ukoll qed tipproponi li b'rati iżjed baxxi fit-taxxa tad-dħul fuq ħlasijiet mis-sahra, il-ħaddiema jista' jibqagħlhom aktar mid-dħul gross tagħhom b'riżultat li jkollhom iżjed x'jonfqu.

- Kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali għandhom ikunu eżenti mit-taxxa. Il-*union* qed tipproponi dħul gross aġġustat għal skopijiet ta' taxxa tad-dħul. Spejjeż relatati ma' kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali għandhom jitnaqqsu mid-dħul attwali li persuna ddaħħal. Id-dħul gross aġġustat imbagħad jiddetermina t-taxxa obbligatorja ta' dak li jkun.





# Proprjeta'

- Sabiex il-familji jkunu megħjuna, pari passu mar-realtajiet ġodda li qed jaffaċċjaw partikularment il-prezzijiet tal-kera kif ukoll iż-żidiet fil-prezzijiet tal-proprjeta', il-UĦM qed tipproponi li jiżdied il-*capping* fir-rigward taċ-*children's allowance* u b'hekk jiżdied in-numru ta' djar eliġibbli.

- Proposta oħra relatata hi li persuni li jixtru proprjeta' biss għal skopijiet residenzjali, ikunu eżenti mit-taxxa fuq il-prezz tax-xiri. B'kumpens għal dan in-nuqqas ta' dħul mit-taxxa, il-UĦM qed tipproponi li binjiet li jaqbżu l-erba' sulari u *penthouse* ikunu suġġetti għat-taxxa.

- Il-UĦM *Voice of the Workers* ukoll qed tipproponi li familji, li ma jikkwalifikawx għall-*housing* soċjali imma jkollhom dħul finanzjarju relattivament baxx, ikunu provduti b'self ta' 'interessi żero' minn fondi li jidħlu mill-bejgħ tal-Iskema tax-Xiri taċ-Ċittadinanza. Dan sabiex ikunu jistgħu jissellfu minn banek kummerċjali biex jixtru proprjeta' għal skopijiet residenzjali. Dawn il-fondi jkunu jistgħu jgħinu lill-familji bi dħul relattivament baxx sabiex iħallsu d-depożitu ta' 10 fil-mija li hu meħtieġ mill-banek sabiex jikkwalifikaw għas-self. Din l-iskema wkoll tista' toffri lil dawn il-familji biex jixtru flok jikru u b'hekk jiżdied in-numru ta' persuni li jkunu sidien ta' darhom.

- Proposta oħra għandha l-għan li tnaqqas it-taxxa tas-suċċessjoni sabiex jonqos il-piż fuq l-ulied meta jirtu proprjeta' li tkun tal-ġenituri. Din il-proposta tista' tgħin sabiex ittaffi wħud mill-pressjonijiet fuq il-prezzijiet tal-lum.

- Il-UĦM ukoll tipproponi li permessi għal *units* fi blokk ta' 12-il appartament jew aktar fi triq waħda jkunu obbligati li jipprovdu, tal-inqas, post għall-parkeġġ wieħed li jagħmel parti mill-prezz globali tal-*unit*.





# Kumpens miż-żieda fil-prezzijiet tal-qmuħ

- Il-UĦM *Voice of the Workers* tinnota ż-żieda riċenti fil-prezzijiet tal-qmuħ u l-pressjonijiet possibbli fuq il-prezz ta' prodotti essenzjali bħalma hu l-ħobż u l-ħalib frisk.

- Il-*union* qed issejjaħ lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jipprovdu spjegazzjoni preċiża u fattwali tas-sitwazzjoni preżenti u jekk din l-ispjegazzjoni tkun konfermata, issejjaħ lill-Gvern biex jipprovdi xi forma ta' kumpens għal familji bi dħul baxx u għall-pensjonanti li huma fir-riskju tal-faqar jew ikunu deskritti bħala relattivament foqra.



# MekkanIżmu għall-ħarsien tal-pagi

- Dwar il-Mekkanizmu għall-ħarsien tal-pagi, il-UĦM *Voice of the Workers* qed tisħaq għall-ħolqien ta' fond dwar il-ħarsien tal-pagi bħala salvagwardja għal dawk l-impjegati li ma jitħallsux is-salarji fil-ħin minħabba raġunijiet amministrattivi lil hinn mill-kontroll tagħhom.

- Il-fond dwar il-ħarsien tal-pagi għandu jkun immexxi minn amministratur maħtur mill-Qorti li jaġixxi b'konsultazzjoni mal-*management*, mal-*unions* u mal-ħaddiema.

- L-awtoritajiet huma mistennija li joħolqu mekkanizmi li jiskattaw b'mod awtomatiku f'tali ċirkostanzi.



6

# Il-Pensjonanti

- Il-UĦM *Voice of the Workers* qed tipproponi eżenzjoni mill-VAT jew rifużjoni fuq lista definita ta' prodotti u servizzi li jkunu suġġetti għall-VAT u li huma kunsidrati bħala essenzjali għall-pensjonanti llum. Bħala eżempju, wieħed jista' jinkludi faċilitajiet li jgħinu sabiex inaqqsu s-sħana fl-akkomodazzjoni. Minbarra li tassisti lill-pensjonanti finanzjarjament, il-proposta wkoll għandha l-għan li tinkoraġġixxi aktar pensjonanti biex jibqgħu jgħixu f'darhom u fil-komunita'

- Il-*union* ukoll tipproponi li l-miżura, li tiddiskrimina favur dawk li twieldu wara l-1962 li jibbenefikaw minn aġġustament ta' 30 fil-mija bbażata fuq bidliet f'pagi u 70 fil-mija bbażata fuq il-COLA, tkun ukoll applikata għal dawk li twieldu qabel l-1962.

- Il-UĦM tinnota li dawk li jikkwalifikaw għal pensjoni imma ma jkunux laħqu l-eta' uffiċjali tal-irtirar mhux qed jitħallew jirċievu pensjoni jekk ikunu għadhom attivi ekonomikament. Din il-*union* hi tal-opinjoni li tali persuni għandhom xorta waħda jirċievu l-pensjoni sabiex il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tkun iżjed inkoraġġita għal dawk il-persuni 'l fuq minn 60 sena.

- Proposta relatata qed timmira li tipprovdi lil min iħaddem b'*tax credit* talli jħaddem persuni irtirati flok jinġaġġa ħaddiema minn pajjiżi terzi. Għaldaqstant, il-UĦM *Voice of the Workers* qed tħeġġeġ lill-Gvern sabiex jelimina kull forma ta' diskriminazzjoni fuq l-eta' li tillimita lill-persuni 'l fuq minn ċertu eta' milli japplikaw għal borża ta' studju li tkopri l-miżati għal studji *post-graduate*.





7

# Aktar attenzjoni lil kwistjonijiet ambjentali

- Il-UĦM qed tħeġġeġ lill-Gvern biex jagħti aktar attenzjoni lil kwistjonijiet ambjentali, inkluż kif l-infrastruttura tal-pajjiż (l-edukazzjoni, is-saħħa, it-trasport, il-provvista tal-ilma u l-immaniġġjar tal-iskart) tista' tlaħħaq ma' popolazzjoni li għandha l-ogħla densita' fl-Unjoni Ewropea u fejn il-kwalita' tal-ħajja hi importanti daqs ir-rata tat-tkabbir fil-Prodott Gross Domestiku

- Id-daqs ta' Malta hu dak li hu u l-iffullar jagħti lok għal sfida kbira lit-tessut soċjali u ekonomiku. Il-UĦM *Voice of the Workers* tisħaq bis-saħħa favur il-*micro-planning* u l-*management* mill-awtoritajiet kompetenti bħall-Awtorita' tal-Ippjanar li, fl-opinjoni ta' din il-*union*, qed tonqos mir-rwol primarju tagħha, jiġifieri dak tal-ippjanar. Saret parti mill-problema u mhux is-soluzzjoni għall-pressjonijiet li l-infrastruttura ta' Malta qed taffaċċja.





# Nagħtu wkoll prijorita' lil Għawdex

- Il-UĦM *Voice of the Workers* tisħaq dwar l-importanza li jissaħħu l-isforzi tal-inizjattivi fil-konnettività' bejn Malta u Għawdex.

- Din il-*union* taqbel li ġenituri ta' studenti Għawdxin li qed jistudjaw f'Malta ikunu provduti bi tnaqqis fit-taxxa ta' mhux aktar minn €5,000 sabiex jagħmel tajjeb għal spejjeż fil-ivjaġġar, fit-trasport u fil-kirjiet.

- Il-UĦM tikkontendi li negozji li jittrasferixxu l-operat tagħhom minn Malta għal Għawdex ikunu inċentivati billi jkunu eżenti mit-taxxa fl-ewwel tliet snin tal-ħidma tagħhom, kif ukoll jieħdu rifużjoni ta' 100 fil-mija mit-taxxa fuq spejjeż marbutin mat-trasferiment tal-operat.

- Din il-*union* taqbel li titwaqqaf Awtorita' Reġjonali li tinkludi msieħba soċjali Għawdxin taħt Att Parlamentari u l-possibbilta' li din l-istess awtorita' tkun inkluża fil-Kostituzzjoni sabiex tkun implimentata.



# Noti





uhm

**VOICE** OF THE **WORKERS**

2590 5000

www.uhm.org.mt

www.facebook.com/UHMMalta

info@uhm.org.mt